## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **15/2022 (AJD)**

**LAWRENCE SPAGNOL (KI 352257M)**
**KIF EŻERĊITANTI L-KUMMERĊ BL-ISEM**
**'STRAND DIVING SERVICES'**

**VS**

**C&F BUILDING CONTRACTORS LIMITED (C15308)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, sitta (6) ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **<u>sentenza *in parte* limitatament</u>** rigward l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mis-soċjeta' konvenuta C&F Building Contractors Limited, illi t-talbiet tar-rikorrent Lawrence Spagnol kif eżerċitanti l-kummerċ bl-isem 'Strand Diving Services' huma preskritti ai termini tal-Artikoli 2148(a), 2156(f) u/jew 2149(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

### Preliminari u Fatti tal-Każ

2. B'rikors ġuramentat preżentat ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, datat għaxra (10) ta' Jannar 2022, ir-rikorrent iddikjara illi huwa kreditur tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta' **tnejn u tletin elf, mitejn u erbgħa u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€32,284.15)**, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta mis-soċjeta' intimata

bħala prezz għal servizzi (*commercial diving and marine services*) lilha reżi f'okkażjonijiet varji fuq inkarigu tagħha stess. Ir-rikorrent ikkontenda illi dan il-bilanċ huwa ċert, likwidu u dovut, u li sa fejn jaf hu, is-soċjeta' intimata ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti kontra t-talbiet attriċi. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

a. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

b. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrent fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, mitejn u erbgħa u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€32,284.15); u

c. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' tnejn u tletin elf, mitejn u erbgħa u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€32,284.15);

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 1520/2021 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment, u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' intimata;

3. Waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar 2022, il-Qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u s-sottomissjonijiet tal-attur, dehrilha li s-soċjeta' konvenuta għandha difiża x'tagħmel għal din il-kawża, u għalhekk awtorizzatha tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tas-seduta;

4. B'risposta datata tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2022, is-soċjeta' konvenuta, apparti eċċezzjoni fil-mertu, issollevat ukoll żewġ eċċezzjonijiet preliminari, u cioe:

   **(i) Illi preliminarjament, it-talbiet tal-attur huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini tal-Art 2148(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

   **(ii) Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-attur huma preskritti**

**bid-dekors ta' ħames (5) snin ai termini tal-Art 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

5. Fis-seduta tat-Tlieta, disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022, il-kawża ġiet differita għall-provi tas-soċjeta' konvenuta rigward dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati minnha;

6. Fis-seduta tal-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, il-kawża ġiet differita għall-provi tar-rikorrent dwar l-istess żewġ eċċezzjonijiet;

7. Waqt is-seduta tat-Tlieta, tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023, is-soċjeta' intimata talbet illi tiġi awtorizzata tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri **ai termini tal-Art 2149(a) tal-Kap 16**, u cioe illi **l-azzjoni odjerna hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn**. Il-Qorti awtorizzat lis-soċjeta' intimata tressaq din l-eċċezzjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri, liema eċċezzjoni ġiet preżentata permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri datata għoxrin (20) t'April 2023;

8. Wara illi, fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2023 din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mis-soċjeta' konvenuta, il-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-istess eċċezzjonijiet.

**Il-Qorti**

9. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

10. Rat l-affidavit ta' **Johann Farrugia**, wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta' intimata, a fol 17 tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Johann Farrugia**, prodott mill-attur in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Lulju 2022[1];

12. Rat l-affidavit ta' **Lawrence Spagnol**, immarkat **Dok LS1**, u d-dokumenti annessi miegħu a fol 28 *et seq* tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 19 *et seq* tal-proċess

13. Rat in-nota tas-soċjeta’ konvenuta datata sitta (6) ta’ Diċembru 2022, illi permezz tagħha s-soċjeta’ konvenuta ppreżentat l-informazzjoni illi kienet obbligat ruħha illi tgħaddi fil-mori tad-differiment rigward id-Dipartiment tal-*Accounts* tas-soċjeta’ konvenuta;

14. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta’ **Rodianne Brincat**, prodotta mill-attur, waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Jannar 2023[2];

15. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta’ **Carmen Tabone**, prodotta mill-attur, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta’ Frar 2023[3];

16. Rat ir-risposta ġuramentata addizzjonali tas-soċjeta’ intimata, preżentata nhar l-għoxrin (20) t’April 2023;

17. Rat in-nota ta’ referenzi preżentata mir-rikorrent **Lawrence Spagnol** nhar il-wieħed u għoxrin (21) t’April 2023, a fol 81-82 tal-proċess;

18. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mis-soċjeta’ konvenuta;

19. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward it-tliet eċċezzjonijiet preliminari sollevati mis-soċjeta’ konvenuta;

20. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

21. Il-kawża odjerna tirrigwarda bilanċ allegatament dovut mis-soċjeta’ intimata bħala l-prezz ta’ servizzi, ossia *commercial diving and marine services*, reżi lilha in konnessjoni max-xogħolijiet imwettqa minnha mal-moll li jinsab ‘Hay Wharf’, il-Belt Valletta;

22. L-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta jistabbilixxi illi:

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 70 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 76 *et seq* tal-proċess+

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skarpar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;*

Finalment, l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*[...]*
*(f.) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*
*[...]*

23. Dawn l-artikoli m'għandhomx jitqiesu *in vacuo*, iżda fit-termini ta' dak stabbilit mill-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, cioe:

*2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

u dak stabbilit fl-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16, u cioe:

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament min jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

24. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva illi kellu raġun ir-rikorrent isostni illi għalkemm huwa minnu illi huwa permessibbli illi wieħed jeċċepixxi termini preskrittivi differenti, b'mod partikolari f'każ fejn in-natura tal-kawża tkun tinkludi aktar minn azzjoni waħda, bħal, per eżempju, il-konsenja ta' materjal u xogħol t'appalt, fejn kull azzjoni japplika għaliha terminu preskrittiv differenti, dan ma jfissirx illi wieħed jeċċepixxi numru ta' preskrizzjonijiet differenti bit-tama illi japplika xi wieħed għall-każ. Dan hekk kif qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza ċitata mir-rikorrent, mogħtija fl-ismijiet ***Schembri & Sons Limited vs Farrugia Brothers Gozo Transport Limited***[4]:

*37. Huwa ċar li kemm is-soċjeta' konvenuta kif ukoll il-kjamat fil-kawża ma jafux liema preskrizzjoni hija applikabbli għall-każ in eżami. Tant hu hekk illi fil-'fishing expedition' tagħhom quddiem l-ewwel qorti s-soċjeta' konvenuta ddikjarat illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a), 2148(b), 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili u l-kjamat fil-kawża żied jgħid li, fil-konfront tiegħu, l-azzjoni attriċi hija wkoll preskritta ai termini tal-artikolu*

[4] Appell Ċivili Nru 74/2006/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Ġunju 2021

*2156(f) tal-kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli kollha ċitati mill-konvenuti appellanti fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom ma kinux biżżejjed però għaliex fir-rikors tal-appell tagħhom jerġgħu komplu bl-istess 'fishing expedition' meta jsostnu illi l-azzjoni attriċi hija wkoll preskritta – fil-konfront tal-konvenut appellant Raymond Farrugia – ai termini talartikolu 2151 tal-Kodiċi!*

*38. Din il-qorti ser tagħmilha ċara illi m'huwiex il-kompitu la tal-ewwel qorti u lanqas ta' din il-qorti li tanalizza l-artikoli kollha ċitati mill-konvenuti appellanti sabiex tiddeċiedi hi stess liema artikolu huwa applikabbli għall-fattispeċi tal-każ odjern. Kien fid-dmir tal-konvenuti appellanti li jindikaw l-artikolu speċifiku applikabbli għall-każ tallum u għalhekk taqbel mal-ewwel qorti illi "jekk dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet jibqgħu jissussistu f'kawżi oħra ser tieħu l-linja li fejn ikun ċar li min qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni hu stess ma jafx liema preskrizzjoni tapplika u jagħmel hekk imsejħa 'fishing expedition' ser tipproċedi sabiex tibda tiċħad dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet."*

25. Meqjus dan, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddetermina n-natura tal-azzjoni odjerna, sabiex fl-aħħar mill-aħħar tiddetermina liema mit-tliet termini preskrittivi eċċepiti mis-soċjeta' konvenuta huwa applikabbli għall-każ odjern;

26. Skont ir-*Risk Assessment Method Statement* esebit mir-rikorrent, *"The underwater works consist of cleaning seabed, leveling / laying beams and laying of precast concrete blocks on the beams, pumping concrete to fill the blocks"*[5];

[5] Vide **Dok LS2** anness mal-affidavit tar-rikorrent, a fol 33 tal-proċess

27. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Langdale Limited vs Jon David Limited***[6]**,** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) rriteniet:

> *Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza riportata a Vol XLII P III p 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika għal krediti ta' artifiċi li jipprestaw l-opra tagħhom, filwaqt li fil-każ ta' l-Artikolu 2149(a) il-preskrizzjoni tirriferixxi għall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xogħol – opus – mingħajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogħlijiet u mingħajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet;*
>
> *[...]*
>
> *Forsi d-deċiżjoni li l-aktar hi attinenti għall-każ inspeċje hi dik riportata a Vol XXXVIII P III p 710. Fiha infatti ntqal dan:-*
>
> *"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentiera, arluġġara, u persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri tagħhom jew tax-xogħlijet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi għal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruħhom li jagħtu x-xogħol tagħhom, u mhux tal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruħu li jagħti, mhux ix-xogħol, iżda l-prodott tax-xogħol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi tekniċi li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oġġettivament kummerċjali";*

[6] Appell Ċivili Nru 4/1997/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 3 ta' Novembru 2004

28. In oltre, imbagħad, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Transmec Services Limited vs Joseph Mallia Bonello***[7], din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

> *Id-differenza bejn il-preskrizzjoni taħt l-art. 2148(a) u dik taħt l-art. 2149(a) hija illi ta' l-ewwel tolqot l-azzjonijiet ta' l-artiġjana waqt illi tat-tieni tolqot l-azzjonijiet tal-kuntratturi. Is-soċjeta' attriċi, għax hija soċjeta' kummerċjali u tispekula fuq il-prezz tax-xogħol u tal-materja, ma tistax titqies artiġjan, u għalhekk il-preskrizzjoni taħt l-art. 2148(a) ma tolqothiex.*
>
> *Min-naħa l-oħra, min huwa kuntrattur ma jfissirx b'hekk illi kull negozju li jagħmel jieħu l-karattru ta' negozju ta' kuntrattur, u illi kull kuntratt li jagħmel ikun kuntratt ta' appalt.*

29. Hekk ukoll esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Neville Montebello vs Tal-Karmnu Construction Company Limited***[8]:

> *Mill-fatti tal-każ in eżami jirriżulta li l-preskrizzjoni applikabbli ċertament mhijiex dik taħt l-artikolu 2148(a) għaliex dan jirreferi għall-krediti ta' arteffiċi li jipprestaw l-opra tagħhom. Dan l-artikolu jolqot biss l-azzjonijiet ta' dawk li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, u mhux dawk li huma kuntratturi organizzati f'azjenda (C. Stivala Limited vs Salvatore Cassar et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Jannar 2004). Jidher li l-preskrizzjoni applikabbli għall-appalt li tiegħu qiegħed jintalab il-ħlas permezz ta' din l-azzjoni hija dik skont l-artikolu 2149(a) in*

---

[7] Ċit Nru 842/2004, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Caruana Demajo, 9 ta' Novembru 2007 (in ġudikat)
[8] Rik Ġur Nru 622/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 30 t'Ottubru 2018 (in ġudikat)

*kwantu li tirreferi għall-azzjonijiet ta' "kuntratturi ta' bini jew ta' xogħlijiet oħra ... jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom'.*

30. Huwa evidenti illi l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ odjern ċertament illi mhix dik kontemplata fl-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16, stante illi, fil-fehma tal-Qorti, s-servizzi reżi mir-rikorrent lis-soċjeta' intimata ma jistgħux jitqiesu bħala xogħol artiġjan. Jonqos għalhekk illi jiġi determinat jekk tapplikax il-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16, jew tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16;

31. Mill-*Method Statement of Underwater Works*[9], din il-Qorti qed tifhem illi xogħol it-tim tar-rikorrent kien illi jassistu fil-parti tax-xogħol ta' kostruzzjoni tal-moll illi kellha ssir taħt il-baħar, aktar milli jagħmlu xi xogħol ta' kostruzzjoni huma stess. Infatti, il-*Method Statement* jgħid:

- *Divers will survey the seabed before the dredging works start to find out if there are any large debris and measure how deep is the silt.*

- *Once the dredging works will be completed, Surveyor with the divers will pin point how far the quay is being extended and take measurements.*

- *Divers will then start air lift the silt and remove stones to find the rock face where the beams will be lowered.*

- *Divers will level the seabed by cement / sand bags, stone, etc ...*

- *The underwater communication system will allow direct contact with the supervisor who will then communicate with the crane driver to lower the beams;*

[9] Vide **Dok LS2** a fol 34 tal-proċess

- *Divers will place the beams and precast blocks in position, and check that there are no gaps on the bottom between the beams and the blocks where the concrete can escape;*

- *Concrete can then be poured in the precast block holes by concrete pump.*

- *Once the first level of blocks are in place and secured with concrete, next layer of blocks will be lowered in position.*

- *Concrete can then be poured in the precast block holes to be secured with the first level of blocks.*

32. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti lanqas hija tal-fehma illi x-xogħol illi sar mit-tim tar-rikorrent lanqas jinkwadra ruħu fit-termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16. Dan stante illi, essenzjalment, dak illi kienu qed jagħmlu l-bugħaddasa ma kienx jikkonsisti f'bini jew xogħol ieħor ta' injam, ġebel jew materjal ieħor. Lanqas kien jikkonsisti fil-ħidma ta' xi opra, jew forniment ta' materjal. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx illi japplika għall-każ odjern it-terminu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2149(a) tal-Kap16;

33. Jonqos għalhekk it-terminu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16. Ma jidhirx illi qiegħed jiġi kontestat il-fatt illi l-pretensjoni tar-rikorrent hija għall-ħlas ta' kreditu li ġej minn operazzjoni kummerċjali. Infatti, ir-rikorrent qiegħed jaġixxi fil-kawża odjerna *"eżerċitanti l-kummerċ bl-isem 'Strand Diving Services'"*. Din il-Qorti għalhekk tqis illi **huwa t-terminu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16** illi għandu japplika għall-każ odjern;

34. Stabbilit it-terminu preskrittiv applikabbli għall-każ odjern, din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tevalwa jekk jissusistux l-elementi kollha neċessarji sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

35. Fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16, il-preskrizzjoni ma jkollhiex effett jekk il-partijiet li jeċċepuha ma jagħtux ġurament **minn jeddhom** waqt il-kawża li jew (a) m'humiex debituri, jew (b) li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa;

36. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Automated Revenue Management Limited pro et noe vs Topcar Limited***[10], din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet studju akkurat u dettaljat dwar il-ġurament imsemmi fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, u cioe dak illi kien oriġinarjament ġie stabbilit f'dan l-artikolu, u l-emendi illi segwew permezz tal-Att I tal-2017 u l-Att VII tal-2017. Din il-Qorti kif diversement presjeduta tinnota kif, filwaqt illi oriġinarjament id-debitur ma kienx kostrett illi jieħu ġurament dwar id-debitu, iżda kienet tispetta lill-kreditur l-għażla dwar jekk jiddeferix il-ġurament lill-persuna li teċċepixxi l-preskrizzjoni jew le, permezz tal-Att I tal-2017: (a) il-ġurament kellu jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, (b) il-parti li tagħti ġurament kellha, apparti illi tiddikjara illi mhix debitriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, tagħti wkoll raġunijiet għalfejn kienet qed tqis lilha nnifisha li mhix debitriċi, u (c) il-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni ma setgħetx tagħti bħala raġuni l-mogħdija taż-żmien. Mill-banda l-oħra, wara l-emenda illi segwiet permezz tal-Att VII tal-2017, l-Artikolu 2160 illum jistabbilixxi illi: (a) il-ġurament għadu jrid jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, iżda (b) tneħħiet il-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet, għajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur. Il-Qorti rriteniet:

> *Il-liġi għalhekk daret ċirku tond għal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; għaliex ix-xelta għall-għoti tal-ġurament, kif għadha kif qalet din il-Qorti, tneħħiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa d-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan għandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunita' jressaq il-provi dwar l-eżistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew*

[10] Rik Nru 93/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 17 ta' Jannar 2018 (in ġudikat)

*interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ġurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippreġudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruħu mill-ġurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur.*

37. Fuq l-istess binarju ddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Limited vs Paul Mifsud et***[11]:

> *Bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017, il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġna 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari, cjoe meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami, il-konvenuti xehdu minn jeddhom. Il-fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut* ***minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili****, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.*

38. Fl-affidavit tiegħu, **Johann Farrugia,** direttur tas-soċjeta' konvenuta, jgħid, *"Għalhekk is-soċjeta' C&F Building Contractors Limited m'hijiex debitriċi ta'*

---

[11] Appell Nru 286/2015, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ Anthony Ellul, 26 ta' Jannar 2018

*l-ebda ammont reklamat f'din il-kawża, għaliex issa għadda wisq żmien."* Fid-dawl ta' dak illi ġie enunċjat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***P & S Limited et vs Noel Zammit et***[12], *"Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni."* Ikkunsidrat, għalhekk, illi:

i. il-ġurament ittieħed minn wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta' konvenuta minn jeddu, u

ii. il-ġurament isegwi t-test rikjest mil-liġi,

din il-Qorti tikkonkludi illi r-rekwiżiti tal-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti mis-soċjeta' konvenuta;

39. Dwar il-mogħdija taż-żmien, huwa prinċipju assodat illi l-preskrizzjoni tista' titwaqqa' b'żewġ modi, u cioe bi prova illi **l-preskrizzjoni ġiet sospiża jew interrotta**, jew bi prova illi l-kontro-parti tkun **irrinunzjat għaliha**. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ruth Vassallo vs Mario Bugeja et***[13], din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet,

> *2. L-interruzzjoni u r-rinunzja mhux l-istess ħaġa, anke jekk sew l-interruzzjoni u sew ir-rinunzja, iridu jirriżultaw b'mod ċar u inekwivokabbli. Skond il-ġurisprudenza, l-operattivita' tagħhom hi f'dan is-sens. Salv fil-każ ta' att ġudizzjarju, ir-rikonoxximent ta' debitu jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun għadha in korso, iżda jekk il-preskrizzjoni tkun ġja kompjuta hi ipotizzata qagħda ta' rinunzja u mhux ta' interruzzjoni. Ara "**Joseph Bajada – vs- Alfred Naudi**", Qorti tal-Kummerċ, 12 ta' Jannar 1950 u "**Maria Lourdes Brincat – vs – Giuseppe Brincat et**", Appell Ċivili, 9 ta' Diċembru 1994;*

[12] Rik Nru 279/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Abela, 16 ta' Frar 2018 (in ġudikat)
[13] Rik Nru 234/2017, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ (illum Onor Imħ) C Scerri Herrera, 21 ta' Ġunju 2018 (in ġudikat)

*[...]*

*4. Apparti l-każ ta' l-interruzzjoni b'att ġudizzjarju skond il-previżjoni tal-liġi fl-**Artikoli 2128 u 2130 tal-Kodiċi Ċivili**, l-interruzzjoni tista' tirriżulta minn qagħdiet oħra bħal ma huma r-rikonoxximent tad-debitu (**Artikolu 2113**) jew il-ħlas akkont (Artikolu 2134). Ara għal aktar dettal is-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla in re: "**Martin Mizzi – vs – Joseph Camilleri**", 20 ta' Ottubru 2004, abbraċċjata mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet "**Carmelo Abdilla et – vs – Frances Gloria Crockford et**", 26 ta' Ġunju 2009;*

40. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Austin Psaila vs Lother Slabick***[14], ġie ritenut:

*Jinsab preċiżat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-ġurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt għall-fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiżiti tal-volontarjeta', tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivoċita', dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiżiti dawn li hu neċessarju li jikkoeżistu flimkien fl-istess att;*

Hekk ukoll ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Emanuel Vella et vs Adelina Sacco et***[15], fejn il-Qorti tal-Appell (Superjuri) abbraċċjat dak illi kien ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCanee noe*** u qalet:

*Illi r-rikonjizzjoni interruttiva għar-rinunzja għall-preskrizzjoni kompjuta tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jiġi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u taċita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-*

[14] Appell Nru 544/2003, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 9 ta' Frar 2005
[15] Rik Nru 442/2008, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 t'Ottubru 2017

*volonta'; u tista' tkun indiretta jew preżunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-eżistenza u l-eżerċizzju tad-dritt. Ir-rinunzja taċita hi kwistjoni tal-volonta' preżunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruħu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt.*

41. Fil-każ odjern ġie pruvat illi:

a. Ir-rikorrent ħareġ *invoices* għal Marzu u Mejju tas-sena 2015, u oħra għal Settembru 2015 (vide **Dok A** a fol 4 tal-proċess);

b. Sar pagament akkont nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'April 2015 (vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 4 tal-proċess);

c. Ir-rikorrent jgħid fl-affidavit tiegħu illi fil-perjodu meta kien qiegħed isir ix-xogħol fuq il-moll, cioe bejn Ġunju u Settembru 2015, kien iltaqa' ma' Johann Farrugia, illi semmielu l-kont pendenti, u qallu, *"Lilek nafek."* (vide para 9 f'**Dok LS1** a fol 28 tal-proċess);

d. Permezz ta' e-mail datata ħdax (11) ta' Lulju 2016, Diane Curmi għas-soċjeta' intimata talbet lir-rikorrent jibgħatilha kopji ta' erba' *invoices*, liema kopji ntbagħtu mir-rikorrent dakinhar stess (vide **Dok LS5** a fol 53 tal-proċess);

e. Mill-ħdax (11) ta' Lulju 2016 'il quddiem, ir-rikorrent bagħat is-segwenti *e-mails* (vide **Dok LS5** a fol 53 *et seq* tal-proċess);

    i. 12 ta' Settembru 2016 lil dcurmi@fsh.com.mt;
    ii. 21 ta' Frar 2017 lil dcurmi@fsh.com.mt;
    iii. 8 ta' Novembru 2017 lil dcurmi@fsh.com.mt;
    iv. 1 ta' Marzu 2018 lil dcurmi@fsh.com.mt;
    v. 21 ta' Ġunju 2018 lil dcurmi@fsh.com.mt;
    vi. 22 t'Ottubru 2018 lil receivables@ffh.com.mt;
    vii. 21 ta' Marzu 2019 lil receivables@ffh.com.mt;

viii. 12 ta' Novembru 2019 lil receivables@ffh.com.mt;
ix. 23 ta' Settembru 2020 lil ctabone@fsh.com.mt;
x. 11 ta' Jannar 2021 lil ctabone@fsh.com.mt;

Għal dawn l-*e-mails* ma ġiet esebita l-ebda risposta da parti tas-soċjeta' konvenuta;

f. Permezz ta' nota tas-soċjeta' intimata datata sitta (6) ta' Diċembru 2022, is-soċjeta' intimata ddikjarat illi Diane Curmi (bl-indirizz tal-*e-mail* dcurmi@fsh.com.mt) kienet irriżenjat minn mas-soċjeta' intimata lura f'Awwissu 2016. L-indirizz tal-*e-mail* ġie konfermat illi kien jappartjeni lilha minn **Rodianne Brincat**[16];

g. **Rodianne Brincat** ikkonfermat ukoll bil-ġurament tagħha illi l-indirizz t'*e-mail* receivables@ffh.com.mt mhux indirizz tal-*e-mail* illi jappartjeni għas-soċjeta' konvenuta[17]. Hija ssostni wkoll illi attwalment m'hemmx *invoices* pendenti illi jgħajtu lir-rikorrent jew lil Strand Diving Services fuq is-sistema tal-*Accounts* tagħhom, u li, *"Jien fittixtu bħala kreditur u kreditur ma jidhirx."* Mistoqsija jekk tistax tiċċekkja fuq records antiki tal-kumpanija, ix-xhud tgħid, *"Ma tantx nista' niċċekkja għax ġa erġajt provajt illum u ma rnexxieli niġbor xejn, m'hemmx 0 balance, m'hemm xejn, kollox transactions m'hemm xejn. [...] Hemm sistemi oħrajn li konna nużaw qabel imma dawn is-sistemi ma jkunux attwali, ma jkunux attivi, ma nkunux nistgħu nużawhom għax ikunu ingħalqu u bdejna sistemi ġodda ifhimni, dan ilu dan il-każ [...]"*[18]

h. **Carmen Tabone** tirrikonoxxi illi l-indirizz ctabone@fsh.com.mt huwa tagħha, iżda mistoqsija jekk tafx xi ħaġa dwar ir-rikorrent jew Strand Diving Servicces tgħid, *"Le ma niftakarx, il-klijent qatt ma smajt bih jien."*[19]

[16] Vide t-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha, a fol 73 tal-proċess
[17] Vide t-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha, a fol 73 tal-proċess
[18] Vide t-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha, a fol 72 tal-proċess
[19] Vide t-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha, a fol 77 tal-proċess

i. L-ittra uffiċjali nru 1520/2021 ġiet spedita mir-rikorrent lis-soċjeta' konvenuta nhar is-sittax (16) t'April 2021 u notifikata lis-soċjeta' konvenuta nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'April 2021 (vide **Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 5-6 tal-proċess);

42. Mill-premess jirriżulta għalhekk illi l-*e-mails* li ntbagħtu bejn Settembru 2016 u Novembru 2019 ma ġewx riċevuti mis-soċjeta' konvenuta, filwaqt illi Carmen Tabone ikkonfermat bil-ġurament tagħha illi hija ma tiftakarx dawk li ntbagħtu f'Settembru 2020 u Jannar 2021. F'dak li jirrigwarda l-*e-mail* illi fiha Diane Curmi talbet għall-kopji tal-*invoices* f'April 2016, dan ma jistax, fil-fehma ta' din il-Qorti, jitqies bħala interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jew rinunzja da parti tas-soċjeta' konvenuta għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, stante illi huwa evidenti illi din kienet biss talba għal informazzjoni ulterjuri sabiex isiru verifiki wara li ntbagħat l-*istatement* oriġinali. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmlu Limited vs Joseph Cachia***[20]***,*** *"[L]-għarfien u l-istqarrija tal-jedd tal-attur, sabiex isservi bħala raġuni għall-ksur ta' preskrizzjoni, trid tkun ċara u mhux maħsuba jew implikata minn kliem jew għemil vag."* Hekk ukoll fis-sentenza suċitata fl-ismijiet ***Austin Psaila vs Lother Slabick***, *"[S]empliċi kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx għal rikonoxximent tad-dejn u għalhekk ma jistgħu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jiġu interpretati bħala rinunzja da parti tad-debitur għal preskrizzjoni li jkun iddekorra favur tiegħu."*;

43. Għaldaqstant, jidher illi mid-disgħa (9) ta' Settembru 2015 'il quddiem, la kien hemm rikonoxximent tad-dejn mis-soċjeta' konvenuta, u lanqas rinunzja da parti tas-soċjeta' konvenuta għall-preskrizzjoni li ddekorriet favur tiegħu. L-ewwel darba li jista' jitqies illi ġiet interrotta l-preskrizzjoni hija permezz tal-ittra uffiċjali fit-termini tal-Artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda sa April 2021, l-azzjoni tar-rikorrent kienet ġia preskritta bid-dekorrenza ta' aktar minn ħames snin;

[20] Rik Nru 766/2006, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Marzu 2019

44. Din il-Qorti għalhekk m'għandhiex alternattiva ħlief illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta' konvenuta fir-risposta tagħha għar-rikors promotur, u tiddikjara illi t-talbiet tal-attur huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

45. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa</u>'** l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16, u

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-azzjoni miġjuba mir-rikorrent.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**